# REGOLAMENT (UE) 2018/1807 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-14 ta' Novembru 2018

## dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropa

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija qed taċċellera. It-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni m'għadhiex qasam speċifiku, iżda l-pedament tas-sistemi u s-soċjetajiet ekonomiċi moderni u innovattivi kollha. Id-data elettronika tinsab fiċ-ċentru ta' dawk is-sistemi u tista' tiġġenera valur kbir meta tiġi analizzata jew ikkombinata ma' servizzi u prodotti. Fl-istess ħin, l-iżvilupp rapidu tal-ekonomija tad-data u teknoloġiji emerġenti bħall-Intelliġenza Artifiċjali, il-prodotti u s-servizzi relatati mal-Internet tal-Oġġetti, is-sistemi awtonomi, u l-5G qed iqajmu kwistjonijiet legali ġodda fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-aċċess għad-data, l-użu mill-ġdid tad-data, ir-responsabbiltà, l-etika u s-solidarjetà. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata ħidma dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà, b'mod partikolari permezz ta' implimentazzjoni ta' kodiċijiet ta' kondotta awtoregolatorji u prattiki tajbin oħra, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet, id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jittieħdu mingħajr interazzjoni umana matul il-katina tal-valur kollha tal-ipproċessar tad-data. Tali ħidma tista' wkoll tinkludi mekkaniżmi adatti għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà, għat-trasferimenti tar-responsabbiltà fost servizzi li jikkooperaw, għall-assigurazzjoni u għall-awditjar.

(2) Il-ktajjen tal-valur tad-data huma mibnija fuq attivitajiet differenti tad-data: il-ħolqien u l-ġbir tad-data; l-aggregazzjoni u l-organizzazzjoni tad-data; l-ipproċessar tad-data; l-analiżi, il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tad-data; l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data. Il-funzjonament effikaċi u effiċjenti tal-ipproċessar tad-data huwa element fundamentali fi kwalunkwe katina tal-valur tad-data. Madankollu, il-funzjonament effikaċi u effiċjenti tal-ipproċessar tad-data u l-iżvilupp tal-ekonomija tad-data fl-Unjoni jiġu mxekkla, b'mod partikolari, minn żewġ tipi ta' ostakli għall-mobbiltà tad-data u għas-suq intern: ir-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-data stabbiliti mill-Istati Membri u l-prattiċi ta' intrappolament tal-klijentela fis-settur privat.

(3) Il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista ta' servizzi skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") japplikaw għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. Madankollu, il-provvista ta' dawn is-servizzi tiġi mfixkla jew xi kultant tiġi mwaqqfa minn ċerti rekwiżiti nazzjonali, reġjonali jew lokali biex id-data tiġi lokalizzata f'territorju partikolari.

(4) Tali ostakoli għall-moviment liberu ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data u għad-dritt ta' stabbiliment ta' fornituri tas-servizz joriġinaw minn rekwiżiti fil-liġijiet tal-Istati Membri biex id-data tiġi lokalizzata f'żona jew territorju ġeografiku partikolari għall-fini tal-ipproċessar tad-data. Regoli jew prattiki amministrattivi oħra għandhom effett ekwivalenti billi jimponu rekwiżiti partikolari li jagħmluha iktar diffiċli li d-data tiġi pproċessata 'l barra minn żona jew territorju ġeografiku fl-Unjoni, bħal rekwiżiti biex jintużaw faċilitajiet teknoloġiċi li huma ċċertifikati jew approvati fi Stat Membru partikolari. L-inċertezza legali fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-lokalizzazzjoni tad-data leġittimi u illeġittimi tkompli tillimita l-għażliet disponibbli għall-parteċipanti fis-suq u għas-settur pubbliku rigward il-lokalità tal-ipproċessar tad-data. Dan ir-Regolament bl-ebda mod ma jillimita l-libertà tan-negozji li jikkonkludu kuntratti li jispeċifikaw fejn għandha tkun lokalizzata d-data. Dan ir-Regolament għandu biss l-għan li jissalvagwardja dik l-libertà billi jiżgura li l-lokalizzazzjoni miftiehma tista' tkun tinsab fi kwalunkwe post fl-Unjoni.

---

([1]) ĠU C 227, 28.6.2018, p. 78.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2018.

(5) Fl-istess waqt, il-mobbiltà tad-data fl-Unjoni tixxekkel ukoll minn restrizzjonijiet privati: kwistjonijiet legali, kuntrattwali u tekniċi li jfixklu jew jipprevjenu lill-utenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data milli jittrasferixxu d-data tagħhom minn fornitur ta' servizz għal ieħor jew lura għas-sistemi tal-informazzjoni teknoloġika (IT) tagħhom, b'mod partikolari meta jintemm il-kuntratt tagħhom ma' fornitur tas-servizzi.

(6) Dawk l-ostakli kkombinati wasslu għal nuqqas ta' kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi ta' "cloud" fl-Unjoni, għal diversi kwistjonijiet ta' intrappolament tal-klijentela, u għal nuqqas serju ta' mobbiltà tad-data. Bl-istess mod, il-politiki ta' lokalizzazzjoni tad-data dgħajfu l-kapaċità tal-kumpaniji ta' riċerka u żvilupp li jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni bejn impriżi, universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka oħrajn bl-għan li jixprunaw l-innovazzjoni.

(7) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u minħabba l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, sett uniku ta' regolamenti għall-parteċipanti kollha fis-suq huwa element ewlieni għall-funzjonament tas-suq intern. Sabiex jitneħħew ostakli għall-kummerċ u distorsjonijiet fil-kompetizzjoni li jirriżultaw minn diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali u biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' ostakli oħra potenzjali għall-kummerċ u distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli uniformi applikabbli fl-Istati Membri kollha.

(8) Il-qafas legali dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, u dwar ir-rispett tal-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u d-Direttivi (UE) 2016/680 ([2]) u 2002/58/KE ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament.

(9) L-espansjoni tal-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatizzat, jirrappreżentaw sorsi ewlenin ta' data mhux personali, pereżempju b'riżultat tal-użu tagħhom fi proċessi awtomatizzati ta'produzzjoni industrijali. Eżempji speċifiċi ta' data mhux personali jinkludu settijiet ta' data aggregati u anonimizzati li jintużaw għall-analitika tal-big data, data dwar il-biedja ta' preċiżjoni li tista' tgħin biex jiġi immonitorjat u ottimizzat l-użu tal-pestiċidi u tal-ilma, jew id-data dwar il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni tal-magni industrijali. Jenħtieġ li jekk l-iżviluppi teknoloġiċi jagħmluha possibbli li data anonimizzata tinbidel f'data personali, tali data tiġi trattata bħala data personali, u jenħtieġ għalhekk li jkun japplika r-Regolament (UE) 2016/679.

(10) Taħt ir-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri la jistgħu jirrestrinġu u lanqas jipprojbixxu l-moviment liberu ta' data personali fl-Unjoni għal raġunijiet marbuta mal-protezzjoni ta' persuni naturali fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istess prinċipju tal-moviment liberu fl-Unjoni għal data mhux personali ħlief fejn restrizzjoni jew projbizzjoni tkun ġustifikata minn raġunijiet tas-sigurtà pubblika. Ir-Regolament (UE) 2016/679 u dan ir-Regolament jipprovdu sett koerenti ta' regoli li jikkonċernaw il-moviment liberu ta' tipi differenti ta' data. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jimponix obbligu li t-tipi differenti ta' data jinħażnu b'mod separat.

(11) Sabiex jinħoloq qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni u l-pedamenti għall-iżvilupp tal-ekonomija tad-data u għat-titjib tal-kompetittività fl-industrija tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali ċar, komprensiv u prevedibbli għall-ipproċessar tad-data li mhijiex data personali fis-suq intern. Approċċ ibbażat fuq il-prinċipji li jipprevedi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll awtoregolamentazzjoni huwa suppost li jiżgura li l-qafas ikun flessibbli biżżejjed biex ikun jista' jqis il-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-utenti, tal-fornituri u tal-awtoritajiet nazzjonali fl-Unjoni. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' trikkib ma' mekkaniżmi eżistenti, u b'hekk jiġu evitati piżijiet ogħla kemm għall-Istati Membri kif ukoll għan-negozji, jenħtieġ li ma jiġux stabbiliti regoli tekniċi dettaljati.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax l-ipproċessar tad-data safejn dan jitwettaq bħala parti minn attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, wieħed għandu jiftakar li, f'konformità mal-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru.

---

([1]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([2]) Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([3]) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

(13) Il-moviment liberu tad-data fl-Unjoni se jkollu rwol importanti biex ikun hemm tkabbir u innovazzjoni mmexxija mid-data. L-istess bħan-negozji u l-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi tal-Istati Membri li huma regolati mil-liġi pubblika huma mistennija li jibbenefikaw minn aktar libertà tal-għażla fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi mmexxija mid-data, minn prezzijiet aktar kompetittivi u minn forniment aktar effiċjenti ta' servizzi liċ-ċittadini. Minħabba l-ammonti kbar ta' data li l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi regolati mil-liġi pubblika jimmaniġġjaw, huwa ta' importanza kbira li huma jagħtu eżempju billi jużaw servizzi ta' pproċessar tad-data u li huma jżommu lura milli jagħmlu kwalunkwe restrizzjoni tal-lokalizzazzjoni tad-data meta dawn jużaw is-servizzi tal-ipproċessar tad-data. Għalhekk, l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi regolati mil-liġi pubblika għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, il-prinċipju tal-moviment liberu tad-data mhux personali previst minn dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal prattiki amministrattivi ġenerali u konsistenti u għal rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data oħra fil-qasam tal-akkwist pubbliku, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(14) Bħal fil-każ tad-Direttiva 2014/24/UE, dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-organizzazzjoni interna tal-Istati Membri u li jallokaw, fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi regolati mil-liġi pubblika setgħat u responsabbiltajiet għall-ipproċessar ta' data mingħajr rimunerazzjoni kuntrattwali ta' partijiet privati, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jipprovdu għall-implimentazzjoni ta' dawk is-setgħat u responsabbiltajiet. Filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi u korpi regolati mil-liġi pubblika huma mħeġġa jikkunsidraw il-benefiċċji ekonomiċi u benefiċċji oħrajn tal-esternalizzazzjoni lil fornituri esterni tas-servizzi, huma jista' jkollhom raġunijiet leġittimi biex ikun hemm l-għażla ta' awtoforniment ta' servizzi jew internalizzazzjoni. Konsegwentement, l-ebda element minn dan ir-Regolament ma jobbliga lill-Istati Membri biex jikkuntrattaw jew jesternalizzaw il-forniment ta' servizzi li huma jixtiequ jipprovdu huma nfushom jew li jorganizzawhom b'mezzi oħra li mhumiex kuntratti pubbliċi.

(15) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu servizzi tal-ipproċessar tad-data lil utenti li jgħixu jew li għandhom stabbiliment fl-Unjoni, inklużi dawk li jipprovdu servizzi tal-ipproċessar tad-data fl-Unjoni mingħajr stabbiliment fl-Unjoni. Dan ir-Regolament għalhekk jenħtieġ li ma japplikax għal servizzi tal-ipproċessar tad-data li jsir barra mill-Unjoni u għar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data relatati ma' tali data.

(16) Dan ir-Regolament ma jistabbilixxix regoli dwar id-determinazzjoni tad-dritt applikabbli fi kwistjonijiet kummerċjali u għalhekk huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). B'mod partikolari, sa fejn il-liġi applikabbli għal kuntratt ma tkunx intgħażlet skont dak ir-Regolament, kuntratt għall-forniment ta' servizzi huwa, fil-prinċipju, regolat mil-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-fornitur tas-servizz.

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tad-data fl-aktar sens wiesa', fejn jiġbor fih l-użu tat-tipi kollha ta' sistemi tal-IT, jekk ikunux jinsabu fil-bini tal-utent jew esternalizzati għal fornitur ta' servizz. Jenħtieġ li jkopri l-ipproċessar tad-data ta' livelli differenti ta' intensità, mill-ħżin tad-data (Infrastruttura bħala Servizz (IaaS)) għall-ipproċessar tad-data fuq pjattaformi (Pjattaforma bħala Servizz (PaaS)) jew f'applikazzjonijiet (Softwer bħala Servizz (SaaS)).

(18) Ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data jirrappreżentaw ostaklu ċar għall-għoti mingħajr ħlas ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data fl-Unjoni u għas-suq intern. Għalhekk, dawn jenħtieġ li jiġu pprojbiti sakemm ma jkunux ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, kif definit bid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-sens tal-Artikolu 52 tat-TFUE, u jissodisfaw il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. Sabiex jagħtu effett lill-prinċipju tal-moviment liberu transfruntier ta' data mhux personali, biex jiżguraw it-tneħħija rapida ta' rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data eżistenti u biex għal raġunijiet operazzjonali jippermettu l-ipproċessar tad-data f'diversi lokalitajiet fl-Unjoni kollha, u peress li dan ir-Regolament jipprovdi miżuri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-data għal skopijiet ta' kontroll regolatorju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jinvokaw is-sigurta' pubblika biss bħala ġustifikazzjoni għal rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data.

(19) Il-kunċett ta' "sigurtà pubblika" fis-sens tal-Artikolu 52 tat-TFUE u kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ikopri kemm is-sigurtà interna kif ukoll dik esterna ta' Stat Membru, kif ukoll kwistjonijiet ta' sikurezza pubblika, sabiex, b'mod partikolari, jiffaċilita l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Dan jassumi l-eżistenza ta' theddida ġenwina u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà, bħal theddida għall-funzjonament ta' istituzzjonijiet u servizzi pubbliċi essenzjali u s-sopravivenza tal-popolazzjoni, kif ukoll ir-riskju ta' disturb serju fir-relazzjonijiet barranin jew għall-koeżistenza paċifika tan-nazzjonijiet, jew riskju għall-interessi militari. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data li huma ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jenħtieġ li jkunu xierqa għall-kisba tal-objettiv segwit, u jenħtieġ li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

---

([1]) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([2]) Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

(20) Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni effikaċi tal-prinċipju tal-moviment liberu transfruntier ta' data mhux personali, u biex jipprevjenu l-emerġenza ta' ostakli ġodda għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni kwalunkwe abbozz ta' att li jintroduċi rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data ġdid jew li jimmodifika rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data eżistenti. Dawk l-abbozzi ta' atti jenħtieġ li jiġu sottomessi u vvalutati skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(21) Barra minn hekk, sabiex jitneħħew ostakli potenzjali eżistenti, waqt perjodu tranżizzjonali ta' 24 xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu rieżami tal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti ta' natura ġenerali li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data u jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe tali rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data li jikkunsidraw konformi ma' dan ir-Regolament, flimklien ma' ġustifikazzjoni għaliha. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni teżamina l-konformità ta' kwalunkwe rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data li jifdal. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tagħmel kummenti, fejn xieraq, lill-Istat Membru inkwistjoni. Tali kummenti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jiġi emendat jew imħassar ir-rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data.

(22) L-obbligi li jiġu kkomunikati r-rekwiżiti eżistenti ta' lokalizzazzjoni tad-data u abbozzi ta' atti lill-Kummissjoni stabbiliti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għar-rekwiżiti regolatorji ta' lokalizzazzjoni tad-data u għal abbozzi ta' atti ta' natura ġenerali, iżda mhux għal deċiżjonijiet indirizzati lil persuna fiżika jew ġuridika speċifika.

(23) Sabiex jiżguraw it-trasparenza tar-rekwiżiti ta' lokalizzazjoni tad-data fl-Istati Membri stabbiliti f'liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ta' natura ġenerali għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, bħal fornituri tas-servizzi u utenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jippubblikaw l-informazzjoni dwar tali rekwiżiti fuq punt nazzjonali uniku ta' informazzjoni online, u jaġġornaw regolarment dik l-informazzjoni. Alternattivament, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar tali rekwiżiti lil punt ta' informazzjoni ċentrali stabbilit taħt att tal-Unjoni ieħor. Sabiex jinformaw kif xieraq lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi dwar ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-indirizzi ta' tali punti uniċi ta' informazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika din l-informazzjoni fuq is-sit web tagħha stess, flimkien ma' lista konsolidata aġġornata regolarment tar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data kollha fis-seħħ fl-Istati Membri, inkluża informazzjoni fil-qosor dwar dawk ir-rekwiżiti.

(24) Ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data spiss joriġinaw minn nuqqas ta' fiduċja fl-ipproċessar transfruntier tad-data, li jirriżulta minn perċezzjonijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' data għall-iskopijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bħall-ispezzjoni u l-verifika għal kontroll regolatorju jew superviżorju. Tali nuqqas ta' fiduċja ma jistax jingħeleb biss permezz tan-nullità ta' termini kuntrattwali li jipprojbixxu aċċess legali għad-data mill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu d-dmirijiet uffiċjali tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistipula b'mod ċar li huwa ma jaffettwax is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti biex jitolbu jew jiksbu aċċess għal data skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, u li l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jiġu irrifjutati l-aċċess għad-data fuq il-bażi li d-data tiġi pproċessata fi Stat Membru ieħor. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu rekwiżiti funzjonali biex jappoġġjaw l-aċċess għad-data, bħal pereżempju jirrikjedu li d-deskrizzjonijiet tas-sistema jinżammu fl-Istat Membru kkonċernat.

(25) Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma soġġetti għal obbligazzjonijiet biex jipprovdu data lill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonformaw ma' tali obbligazzjonijiet billi jagħtu u jiggarantixxu aċċess elettroniku effikaċi u f'waqtu għad-data lill-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tiġi pproċessata d-data. Tali aċċess jista' jiġi żgurat permezz ta' termini u kundizzjonijiet konkreti f'kuntratti bejn il-persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għall-obbligazzjoni li tagħti l-aċċess u l-fornitur tas-servizz.

(26) Fejn persuna fiżika jew ġuridika tkun soġġetta għal xi obbligu li tipprovdi data u tonqos milli tikkonforma ma' dak l-obbligu, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tkun tista' tfittex għajnuna minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra. F'tali każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw strumenti speċifiċi ta' kooperazzjoni fil-ligi tal-Unjoni jew taħt ftehimiet internazzjonali, skont is-suġġett fil-każ partikolari, pereżempju, fil-qasam

([1]) Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

tal-kooperazzjoni tal-pulizija, tal-ġustizzja kriminali jew ċivili jew fi kwistjonijiet amministrattivi rispettivament, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI [1], id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità [3], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 [4], id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [5] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 [6]. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmi ta' kooperazzjoni speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw bejniethom bl-għan li jipprovdu aċċess għad-data mitluba, permezz ta' punti uniċi ta' kuntatt deżinjati.

(27) Fejn talba għall-għajnuna timplika li jinkiseb aċċess għal kwalunkwe fond ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż għal kwalunkwe tagħmir u mezzi tal-ipproċessar tad-data, mill-awtorità li ssirilha t-talba, dan l-aċċess irid ikun skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi proċedurali nazzjonali, inkluż kwalunkwe rekwiżit biex tinkiseb awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel.

(28) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jippermettix lill-utenti jippruvaw jevadu l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali. Għalhekk dan jenħtieġ li jipprevedi l-impożizzjoni, mill-Istati Membri, ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-utenti li jimpedixxu lill-awtoritajiet kompetenti milli jaċċessaw id-data tagħhom li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti taħt il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali. F'każijiet urġenti, fejn utent jabbuża mid-dritt tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimponu miżuri provviżorji strettament proporzjonati. Kwalunkwe miżura provviżorja li tirrikjedi r-rilokalizzazzjoni tad-data għal aktar minn 180 jum wara r-rilokalizzazzjoni tkun tiddevja mill-prinċipju tal-moviment liberu tad-data għal perjodu sinifikanti u, għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni għall-eżami tal-kompatibbiltà tagħha mal-liġi tal-Unjoni.

(29) Il-kapaċità ta' trasferiment mingħajr xkiel ta' data hija fattur ewlieni fil-faċilitazzjoni tal-għażla għall-utent u ta' kompetizzjoni effikaċi fis-swieq għal servizzi tal-ipproċessar tad-data. Id-diffikultajiet reali jew perċepiti għat-trasferiment transfruntiera tad-data wkoll jimminaw il-kunfidenza tal-utenti professjonali meta jaċċettaw offerti transfruntiera u, għalhekk, il-kunfidenza tagħhom fis-suq intern. Filwaqt li l-konsumaturi individwali jibbenefikaw mil-liġi eżistenti tal-Unjoni, il-kapaċità li jibdlu l-fornituri ta' servizzi ma tiġix iffaċilitata għall-dawk l-utenti li jkunu jaġixxu fil-kors tal-attivitajiet ta' negozju jew professjonali tagħhom. Rekwiżiti tekniċi konsistenti madwar l-Unjoni, kemm jekk jikkonċernaw armonizzazzjoni teknika, rikonoxximent reċiproku jew armonizzazzjoni volontarja wkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' suq intern kompetittiv għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

(30) Sabiex jisfruttaw b'mod sħiħ l-ambjent kompetittiv, l-utenti professjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati u b'mod faċli jqabblu l-komponenti individwali tad-diversi servizzi tal-ipproċessar tad-data offruti fis-suq intern, inkluż skont it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali tat-trasferiment tad-data mat-terminazzjoni ta' kuntratt. Sabiex jallinjaw mal-potenzjal tal-innovazzjoni tas-suq u biex iqisu l-esperjenza u l-għarfien espert tal-fornituri u tal-utenti professjonali ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, l-informazzjoni dettaljata u r-rekwiżiti operazzjonali għat-trasferiment tad-data jenħtieġ li jiġu ddefiniti minn parteċipanti fis-suq permezz tal-awtoregolamentazzjoni, imħeġġa, iffaċilitata u mmonitorjata mill-Kummissjoni, fil-forma ta' kodiċijiet ta' kondotta tal-Unjoni, li jistgħu jinkludu mudelli ta' klawsoli u kundizzjonijiet kuntrattwali.

(31) Sabiex ikunu aktar effikaċi u jagħmlu aktar faċli l-bdil bejn fornituri ta' servizzi u t-trasferiment ta' data, jenħtieġ li tali kodiċijiet ta' kondotta jkunu komprensivi u jkopru minn tal-inqas aspetti ewlenin li huma importanti matul il-proċess tat-trasferiment tad-data, bħall-proċessi użati għal, u l-lokalità ta', back-ups tad-data; il-formats u l-appoġġi disponibbli tad-data; il-konfigurazzjoni meħtieġa tal-IT u l-bandwidth minima tan-netwerk; il-ħin meħtieġ qabel ma jibda l-proċess tat-trasferiment u l-ħin li matulu d-data ser tibqa' disponibbli għat-trasferiment u l-garanziji biex tiġi aċċessata d-data fil-każ tal-falliment tal-fornitur tas-servizzi. Il-kodiċijiet ta' kondotta jenħtieġ ukoll li jagħmluha ċara li l-intrappolament tal-klijentela mhijiex prattika kummerċjali aċċettabbli, jenħtieġ li huma jipprovdu teknoloġiji li jkabbru l-fiduċja, u jenħtieġ li jkunu aġġornati regolarment biex iżommu l-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u start-ups, utenti u l-fornituri tas-servizzi ta' "cloud" jiġu kkonsultati fil-proċess. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-iżvilupp, kif ukoll l-effikaċja tal-implimentazzjoni, ta' tali kodiċijiet ta' kondotta.

[1] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89).

[2] Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

[3] Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, CETS Nru 185.

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1).

[5] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

[6] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

(32) Fejn awtorità kompetenti fi Stat Membru titlob l-għajnuna minn Stat Membru ieħor biex tikseb aċċess għad-data skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li din tippreżenta, permezz ta' punt uniku ta' kuntatt deżinjat, talba ġustifikata kif xieraq lill-punt uniku ta' kuntatt deżinjat ta' dan tal-aħħar, li għandha tinkludi spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet u tal-bażijiet legali għaliex qiegħda titlob aċċess għad-data. Il-punt uniku ta' kuntatt deżinjat mill-Istat Membru li l-għajnuna tiegħu hija mitluba jenħtieġ li jiffaċilita t-trażmissjoni tat-talba lill-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membri li ssirlu t-talba. Sabiex tiżgura kooperazzjoni effikaċi, jenħtieġ li l-awtorità li tintbagħtilha talba, tagħti mingħajr dewmien żejjed għajnuna bħala risposta għal talba partikolari jew tagħti informazzjoni dwar diffikultajiet misjuba fl-adempiment ma' tali talba, jew tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex tirrifjutaha.

(33) It-tisħiħ tal-fiduċja fis-sigurtà tal-ipproċessar transfruntier tad-data jenħtieġ li jnaqqas il-propensità tal-parteċipanti fis-suq u tas-settur pubbliku biex jużaw il-lokalizzazzjoni tad-data bħala indikatur għas-sigurtà tad-data. Jenħtieġ li jtejjeb ukoll iċ-ċertezza legali għal kumpaniji fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli meta jesternalizzaw l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data tagħhom lil fornituri ta' servizzi, inklużi dawk fi Stati Membri oħra.

(34) Kwalunkwe rekwiżit ta' sigurtà relatat mal-ipproċessar tad-data li jiġi applikat b'mod ġustifikat u proporzjonat abbażi tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni fl-Istat Membru ta' residenza jew tal-istabbiliment tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li d-data tagħhom hija kkonċernata jenħtieġ li jkompli japplika għall-ipproċessar ta' dik id-data fi Stat Membru ieħor. Dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jissodisfaw tali rekwiżiti jew huma stess jew permezz ta' klawsoli kuntrattwali fil-kuntratti mal-fornituri tas-servizzi.

(35) Ir-rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu neċessarji u proporzjonati għar-riskji għas-sigurtà tal-ipproċessar tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali li fiha jkunu stabbiliti dawn ir-rekwiżiti.

(36) Id-Direttiva 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tipprevedi miżuri legali biex jagħtu spinta lil-livell ġeneral taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Servizzi tal-ipproċessar tad-data jikkostitwixxu wieħed mis-servizzi diġitali koperti minn dik id-Direttiva. Skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi diġitali jidentifikaw u jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati sabiex jimmaniġġjaw ir-riskji għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jiggarantixxu livell xieraq ta' sigurtà tan-netwerks għar-riskju ppreżentat, u jenħtieġ li jikkunsidraw is-sigurtà tas-sistemi u tal-faċilitajiet; l-ittrattar ta' inċidenti; il-ġestjoni tal-kontinwità tal-attività; il-monitoraġġ; il-verifika u l-ittestjar; u l-konformità mal-istandards internazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu speċifikati aktar mill-Kummissjoni fl-atti ta' implimentazzjoni taħt dik id-Direttiva.

(37) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari bl-għan li tiddetermina l-ħtieġa għal modifikazzjonijiet fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi jew tas-suq. Dak ir-rapport jenħtieġ li b'mod partikolari jevalwa dan ir-Regolament, speċjalment l-applikazzjoni tiegħu għas-settijiet ta' data li jkunu magħmula minn data personali u mhux personali, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-eċċezzjoni tas-sigurtà pubblika. Qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika wkoll linji gwida informattivi, dwar kif għandhom jiġu ġestiti s-settijiet ta' data li jkunu magħmula minn data personali u mhux personali, sabiex il-kumpaniji, inklużi l-SMEs, jifhmu aħjar l-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2016/679, u biex tiġi żgurata l-konformità maż-żewġ Regolamenti.

(38) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji, inklużi d-drittijiet għall-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà ta' intrapriża.

(39) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiżgura l-moviment liberu ta' data għajr ta' data personali fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv,

([1]) Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-moviment liberu ta' data li mhijiex data personali fl-Unjoni billi jistabbilixxi regoli relatati mar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data, id-disponibbiltà tad-data għall-awtoritajiet kompetenti u t-trasferiment tad-data għal utenti professjonali.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar ta' data elettronika li mhijiex data personali fl-Unjoni, li:

(a) jiġi pprovdut bħala servizz lill-utenti li jirrisjedu jew li jkollhom stabbiliment fl-Unjoni, irrispettivament minn jekk il-fornitur tas-servizz ikunx stabbilit fl-Unjoni jew le; jew

(b) isir minn persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha stabbiliment fl-Unjoni għall-ħtiġijiet tagħha stess.

2. F'każ ta' sett ta' data magħmul minn data personali u mhux personali, dan ir-Regolament japplika għall-parti mis-sett ta' data li tikkonċerna d-data mhux personali. Fejn id-data personali u d-data mhux personali f'sett ta' data jkunu marbuta intrinsikament, dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-organizzazzjoni interna ta' Stati Membri u li jallokaw, fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi regolati mil-liġi pubblika, definiti fil-punt 4 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE, setgħat u responsabbiltajiet għall-ipproċessar ta' data mingħajr remunerazzjoni kuntrattwali ta' partijiet privati, kif ukoll għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stati Membri li jipprovdu għall-implimentazzjoni ta' dawk is-setgħat u responsabbiltajiet.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "data" tfisser data li mhijiex data personali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679;

(2) "ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq data jew fuq settijiet ta' data f'format elettroniku, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħżin, l-adattament jew it-tibdil, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, id-divulgazzjoni bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew il-kombinament, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(3) "abbozz ta' att" tfisser test abbozzat bil-għan li jkun ppromulgat bħala liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ta' natura ġenerali, fejn it-test ikun fl-istadju ta' tħejjija li fih ikunu għadhom jistgħu jsiru emendi sostantivi;

(4) "fornitur tas-servizzi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi tal-ipproċessar tad-data;

(5) "rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data" tfisser kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kundizzjoni, limitu jew rekwiżit ieħor previsti fil-liġijiet, fir-regolamenti jew fid-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru jew li jirriżultaw mill-prattiki amministrattivi ġenerali u konsistenti fi Stat Membru u f'korpi regolati mil-liġi pubblika, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/24/UE, li jimponu l-ipproċessar ta' data fit-territorju ta' Stat Membru partikolari jew li jxekklu l-ipproċessar ta' data fi kwalunkwe Stat Membru ieħor;

(6) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità ta' Stat Membru jew kwalunkwe entità oħra awtorizzata mil-liġi nazzjonali biex twettaq funzjoni pubblika jew biex teżerċita awtorità uffiċjali, li għandha s-setgħa li tikseb aċċess għal data pproċessata minn persuna fiżika jew ġuridika biex twettaq id-dmirijiet uffiċjali tagħha, kif previst fil-liġi tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali;

(7) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtorità pubblika jew korp regolat mil-liġi pubblika, li tuża jew li titlob servizz ta' pproċessar tad-data;

(8) "utent professjonali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inklużi awtorità pubblika jew korp regolat mil-liġi pubblika, li tuża jew li titlob servizz ta' pproċessar tad-data għal skopijiet relatati mal-kummerċ, negozju, sengħa, professjoni jew kompitu tagħha.

*Artikolu 4*

**Moviment liberu ta' data fl-Unjoni**

1. Ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data għandhom jiġu projbiti, sakemm ma jkunux ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 u għar-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data stabbiliti abbażi tal-liġi eżistenti tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni kwalunkwe abbozz ta' att li jintroduċi rekwiżit ġdid ta' lokalizzazzjoni tad-data jew li jagħmel tibdil f'rekwiżit eżistenti ta' lokalizzazzjoni tad-data skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535.

3. Sat-30 ta' Mejju 2021, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitħassar kwalunkwe rekwiżit eżistenti ta' lokalizzazzjoni tad-data, li jkun stabbilit f'xi liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ta' natura ġenerali, u li ma jikkonformax mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Sat-30 ta' Mejju 2021, jekk Stat Membru jqis li miżura eżistenti li fiha rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data hija konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għalhekk tista' tibqa' fis-seħħ, huwa għandu jikkomunika dik il-miżura lill-Kummissjoni, flimkien ma' ġustifikazzjoni għaliex għandha tinżamm fis-seħħ. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 258 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha, fi żmien perjodu ta' sitt xhur mid-data meta tirċievi tali komunikazzjoni, teżamina l-konformità ta' dik il-miżura mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha, fejn xieraq, tibgħat kummenti lill-Istat Membru inkwistjoni, inkluż, fejn meħtieġ, li tirrakkomanda l-emendar jew it-tħassir tal-miżura.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dettalji ta' kwalunkwe rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tad-data li jkun stabbilit f'xi liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ta' natura ġenerali u applikabbli fit-territorju tagħhom disponibbli għall-pubbliku permezz ta' punt nazzjonali uniku ta' informazzjoni online li huma għandhom iżommu aġġornat, jew jipprovdu dettalji aġġornati ta' kwalunkwe tali rekwiżit ta' lokalizzazzjoni lil punt ċentrali ta' informazzjoni stabbilit taħt att ieħor tal-Unjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-indirizz tal-punt uniku tagħhom ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-link jew links għal tali punt jew punti fuq is-sit web tagħha, flimkien ma' lista konsolidata, regolarment aġġornata, tar-rekwiżiti kollha ta' lokalizzazzjoni tad-data, imsemmijin fil-paragrafu 4, inkluża informazzjoni fil-qosor dwar dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 5*

**Disponibbiltà tad-data għall-awtoritajiet kompetenti**

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti biex jitolbu jew jiksbu aċċess għal data biex iwettqu d-dmirijiet uffiċjali tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali. L-aċċess għad-data mill-awtoritajiet kompetenti ma jistax jiġi rrifjutat fuq il-bażi li d-data tiġi pproċessata fi Stat Membru ieħor.

2. Fejn, wara li tkun talbet aċċess għal data ta' utent, awtorità kompetenti ma tiksibx aċċess għal data u jekk ma jkun jeżisti l-ebda mekkaniżmu ta' kooperazzjoni speċifiku taħt il-liġi tal-Unjoni jew ftehimiet internazzjonali sabiex id-data tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti, dik l-awtorità kompetenti tista' titlob l-għajnuna minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.

3. Fejn talba għall-għajnuna timplika li jinkiseb aċċess għal kwalunkwe fond ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż għal kwalunkwe tagħmir u mezzi tal-ipproċessar tad-data, mill-awtorità li ssirilha t-talba, dan l-aċċess għandu jkun skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi proċedurali tal-Istat Membru.

4. L-Istati Membri jistgħu jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal nuqqas ta' konformità mal-obbligu li tiġi pprovduta data, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali.

F'każ ta' abbuż ta' drittijiet minn utent speċifiku, Stat Membru jista', fejn dan ikun ġustifikat mill-urġenza li tiġi aċċessata d-data u filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati, jimponi miżuri interim strettament proporzjonali fuq dak l-utent. F'każ li miżura interim timponi rilokalizzazzjoni ta' data għal perjodu li huwa itwal minn 180 jum wara r-rilokalizzazzjoni, din għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni matul dak il-perjodu ta' 180 jum. Il-Kummissjoni għandha, fl-iqsar żmien possibbli, teżamina l-miżura u l-kompatibbiltà tagħha mal-liġi tal-Unjoni, u fejn xieraq, tieħu l-miżuri meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tiskambja informazzjoni mal-punti uniċi ta' kuntatt tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 7 dwar l-esperjenza miksuba f'dan ir-rigward.

*Artikolu 6*

**Trasferiment tad-data**

1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ u tiffaċilita l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta awtoregolatorji fil-livell tal-Unjoni ("kodiċi ta' kondotta"), sabiex tikkontribwixxi għal ekonomija tad-data kompetittiva, ibbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tal-interoperabbiltà u li tqis l-istandards miftuħa li jkopru, *inter alia*, l-aspetti li ġejjin:

(a) l-aħjar prattiki li jiffaċilitaw il-bdil tal-fornituri tas-servizzi u t-trasferiment ta' data bl-użu ta' formati strutturati, komunement użati u f'format li jinqara minn magna, inklużi formati ta' standards miftuħa fejn ikun meħtieġ jew mitlub mill-fornitur tas-servizz li jirċievi d-data;

(b) rekwiżiti minimi ta' informazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-utenti professjonali, qabel ma jiġi konkluż kuntratt għall-ipproċessar tad-data, jingħataw informazzjoni ddettaljata, ċara u trasparenti biżżejjed fir-rigward tal-proċessi, ir-rekwiżiti tekniċi, il-perjodi ta' żmien u t-tariffi li japplikaw fil-każ li utent professjonali jixtieq jibdel għal fornitur ieħor jew jittrasferixxi d-data lura għas-sistemi tal-IT tiegħu stess;

(c) approċċi għal skemi ta' ċertifikazzjoni li jiffaċilitaw it-tqabbil ta' prodotti u servizzi tal-ipproċessar tad-data għal utenti professjonali, filwaqt li jitqiesu normi nazzjonali jew internazzjonali stabbiliti, li jiffaċilitaw il-kompatibilità ta' dawk il-prodotti u s-servizzi. Tali approċċi jistgħu jinkludu, inter alia, il-ġestjoni tal-kwalità, il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju u l-ġestjoni ambjentali.

(d) pjanijiet direzzjonali ta' komunikazzjoni li jkollhom approċċ multidixxiplinarju biex jissensibilizzaw dwar il-kodiċi ta' kondotta fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kodiċijiet ta' kondotta jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi assoċjazzjonijiet ta' SMEs u start-ups, utenti u fornituri tas-servizzi ta' "cloud".

3. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ lill-fornituri tas-servizzi biex jiffinalizzaw l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta sad-29 ta' Novembru 2019 u biex jimplimentawhom b'mod effettiv sad-29 ta' Mejju 2020.

*Artikolu 7*

**Proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet**

1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja punt uniku ta' kuntatt li għandu jikkomunika mal-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni rigward l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-punti uniċi ta' kuntatt deżinjati u kwalunkwe bidla sussegwenti li tista' ssirilhom.

2. Fejn awtorità kompetenti fi Stat Membru wieħed titlob l-għajnuna minn Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 5(2), biex tikseb aċċess għal data, hija għandha tissottometti talba motivata kif xieraq lill-punt uniku ta' kuntatt deżinjat ta' dan tal-aħħar. It-talba għandha tinkludi spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet u tal-bażijiet legali għaliex qiegħda tfittex aċċess għad-data.

3. Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jidentifika l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru tiegħu u jibgħat it-talba riċevuta skont il-paragrafu 2 lil dik l-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti relevanti hekk mitluba għandha, mingħajr dewmien żejjed u f'perjodu ta' żmien proporzjonat għall-urġenza tat-talba, tipprovdi risposta li fiha tikkomunika d-data mitluba, jew tinforma lill-awtorità kompetenti li għamlet it-talba li hija ma tqisx li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għat-talba ta' għajnuna taħt dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe informazzjoni skambjata fil-kuntest ta' għajnuna mitluba u mogħtija taħt il-Artikolu 5(2) għandha tintuża biss fir-rigward tal-materja li għaliha tkun intalbet.

6. Il-punti uniċi ta' kuntatt għandhom jagħtu informazzjoni ġenerali lill-utenti dwar dan ir-Regolament, inkluża dik dwar il-kodiċijiet ta' kondotta.

*Artikolu 8*

**Evalwazzjoni u linji gwida**

1. Mhux iktar tard mid-29 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għal settijiet ta' data magħmula minn data personali u mhux personali fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq li jistgħu jespandu l-possibilitajiet għal data deanonimizzata;

(b) l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Artikolu 4(1), u b'mod partikolari l-eċċezzjoni tas-sigurtà pubblika; u

(c) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni effikaċi tal-kodiċijiet ta' kondotta u l-provvista effettiva ta' informazzjoni mill-fornituri tas-servizzi.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Sad-29 ta' Mejju 2019 il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida informattiva dwar l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tas-settijiet ta' data magħmula minn data personali u mhux personali.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjonijiet finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Novembru 2018.

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| A. TAJANI | K. EDTSTADLER |